**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

Illum l-it-Tnejn 11 ta' Mejju, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Camilleri ta' 61 sena, bin Joseph Camilleri u Carmela Camilleri xebba Tonna, mwieled Mosta nhar il-25 ta' Marzu 1949, residenti 53, Triq il-Lunzjata, Mosta detentur tal-karta ta' l-identita' numru 285749M

(A) Talli fil-lejl ta' bejn it-23 t'Ottubru 2009 u l-24 t'Ottubru 2009, minn gor-razzett sitwat fi Triq il-Qamar, Siggiewi proprjeta' ta' Pietro Paolo Farrugia, ikkommetta serq ta' zewg bhejjem li jammontaw ghall-valur ta' 350 Ewro, ghad-detriment ta' sid il-bhejjem u cioe' l-istess Pietro Paolo Farrugia u ghalhekk liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

(B) U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien, xjentement laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa (naghag), mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u aktar

(C) Talli malli sar jaf li hwejjeg (naghag) li kienu fil-pussess tieghu kienu misruqa jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk saret taf.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

## Kunsiderazzjonijiet

Illi l-imputat jinsab akkuzat li bejn it-23 ta' Ottubru 2009 u l-24 ta' Ottubru 2009 huwa seraq zewg naghgiet mir-razzett ta' Pietro Paolo Farrugia liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, hin u xorta tal-haga misruqa. Huwa jinsab akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni u li malli sar jaf lin-naghag fil-pussess tieghu naqas li jgharraf lill-Pulizija fi zmien gimgha.

Illi f'dawn il-proceduri Dr Anthony Gruppetta[1] xehed li kellhom rapport ta' naghga bin-numru NT 0016776 li kienet misruqa minghand Anthony Aqulina u li ddahhlet mejta fl-incineratur li hemm biswit il-biccerija minn Joseph Camilleri ossia l-imputat. Id-dipartiment ircieva wkoll rapport ta' naghga ohra misruqa mill-fond ta' certu Peter Paul Farrugia li ghandu razzett is-Siggiewi. Eventwalment wiehed mill-haddiema tad-dipartiment li jiehu d-demm regolari minn fuq l-irziezet sabha fuq il-farm f'San Anard, Wied il-Ghajn ta' certu Nathalie Attard. Mill-indagni li saret, ir-ragel ta' Nathalie Attard – Alex Attard – qalilhom li huwa xtara n-naghga minghand l-imputat. Fuq dawn iz-zewg kazijiet gew mgharfa l-Pulizija.

Fl-atti nsibu wkoll dikjarazzjoni mahlufa ta' Anthony Aqulina li fit-8 ta' Dicembru 2008 ghall-habta tal-11.00am mar fuq il-post fejn kien qieghed izomm xi naghag li kienu fi stat ta' tqala f'ghalqa f'Hal Lija ghalifhom u telaq. Meta rega' mar ghall-habta tat-3.00p.m fl-istess gurnata fuq l-istess post huwa nduna li kien hemm zewg naghgiet neqsin. Dawn kellhom in-numru ta' Registrazzjoni 0016776 u 0016798.

[1] Seduta tat-13 ta' April 2011 li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali, Veterinary Regulation, Fisheries Conservation and Control Division

Illi minn dokument ezebit[2] minn Dr Gruppetta jirrizulta li l-imputat dahhal fl-incineratur n-naghga bin-numru 0016776 fil-31 ta' Marzu 2009. L-istess divizjoni talbet lill-imputat jikkonferma l-firma fuq l-ircevuta u kif ukoll minn fejn kien xtara n-naghag. Huwa rrisponda li ma kienx jaf minn fejn xtrahom u li kien nesa kemm kienet ilha fir-razzett tieghu n-naghga bin-numru ta' Registrazzjoni 0016776.

Illi Emanuel Buhagiar[3], ufficjal ghall-harsien tal-annimali, xehed li fis-16 ta' Frar 2010 l-Ispettur Tony Cachia kellmu biex imur fir-razzett fil-limiti tal-Bidni jismu Holstein Farm u ha xi ritratti ta' naghga li gew ezebiti fl-atti processwali. Dak il-hin kien maghhom hemm ukoll l-imputat u Peter Farrugia li gharaf in-numru cioe' is-sigill ta' naghga li kienet insterqitlu imma qal li n-naghga ma kinitx tieghu. PS585 James Weatherill[4] xehed li huwa kien prezenti wkoll u kkonferma dak li qal Emanuel Buhagiar.

Peter Paul Farrugia[5] xehed li insterqulu zewg naghgiet mir-razzett tieghu. Huwa jaf lill-imputat ghaliex gieli xtara xi naghga minghandu jew vice-versa. Huwa xehed li n-nghag jiswew €230 it-tnejn f'daqqa.

Alex Attard[6] xehed li xi sentejn qabel marru mal-veterinarju tal-biccerija biex jiccekkjaw, bhal ma jigri regolari kull sitt xhur, lill-annimali fir-razzett tieghu. Dawn qalulu likellu naghga misruqa u huwa min-naha tieghu gharrafhom minn fejn kien xtara lilha flimkien ma' 4 zghar ohra u cioe' minghand l-imputat.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'serq ikkwalifikat bil-valur, hin u xorta tal-haga misruqa. Dwar din l-imputazzjoni jirrizulta li Peter Farrugia ghamel rapport fl-Ghassa tad-distrett tieghu li bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2009 insterqulu zewg ngahgiet (wahda ta' kulur kannella u l-ohra bajda b'rasha sewda) mir-razzett tieghu. Ebda dettalji ohra ma nghataw bhan-numru tan-naghag li kienu nsterqu liema numru jirrizulta mit-tag li jkollha ma' widnejha n-naghga.

[2] A fol 25 tal-process
[3] Seduta tat-13 ta' April 2011
[4] Seduta tas-26 ta' Novembru 2012
[5] Seduta tas-27 ta' Gunju 2012
[6] Seduta tas-26 ta' Novembru 2012

Illi għalkemm l-imputat jinsab rinfaċċjat b'din l-imputazzjoni, din il-Qorti ma tqisx li fl-atti processwali ngabu provi sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat kien proprju l-persuna li wettaq is-serqa.

Jirrizulta izda li Alex Attard xtara minghand l-imputat naghga li rrizulta li fuqha kellha t-tag bin-numru ta' wahda min-naghgiet li nsterqet mir-razzett ta' Peter Farrugia. Infatti meta Angelo Fenech[7], Vet Assistant, mar fuq spezzjoni gewwa Holstein Farm fis-26 ta' Novembru 2009 sabiex jiehu d-demm ta' l-annimali. Irrizulta li l-ufficjal jimla xi dokumenti fosthom lista ta' l-annimali li jkunu fuq ir-razzett u jekk isib annimali li ma jkunux diga' indikati fil-lista jnizzilhom ukoll. Dawn imbaghad jigu vverifikati fl-ufficcju. Mil-lista ezebita[8] jirrizulta li fost l-annimali li ma kienux fil-lista kien hemm naghga bin-numru 108288 li mill-verifiki li saru rrizulta li n-numru rizultanti fit-tag kien ta'naghga li kienet insterqet mir-razzett ta' Peter Farrugia ghalkemm in-naghga ma kinitx l-istess wahda. Dan Alex Attard xehed li n-naghga kien xtraha minghand l-imputat.

Illi ghalhekk jirrizulta li ftit aktar minn xahar wara li twettqet is-serqa mir-razzett ta' Farrugia in-numru tas-sigill ta' naghga li kienet ta' l-istess Farrugia kienet f'idejn Alex Attard li min-naha tieghu kien xtraha minghand l-imputat. Illi kull naghga jkollha numru ta' registrazzjoni partikolari taghha li permezz ta' tag ikun ma' widnejn in-naghga. Dan iwassal allura li biex l-imputat kellu f'idejh is-sigill tan-naghga kellu wkoll fil-pussess tieghu n-naghga li kienet insterqet mir-razzett ta' Farrugia. Huwa evidenti wkoll li l-imputat kien jaf li l-istess naghga kienet misruqa meta giet f'idejh ghaliex is-sigill taghha tefghu fuq naghga ohra. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat huwa hati tat-tieni imputazzjoni.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni ma tressqu l-ebda provi w ghaldaqstant l-imputat se jkun liberat minnha.

Illi fl-ahharnett jigi rilevat li ingabu provi in atti dwar il-fatt li l-imputat dahhal naghga mejta fl-incineratur fil-31 ta' Marzu 2009 liema naghga kienet insterqet fit-8 ta' Dicembru 2008 minghand Anthony Aquilina. Madankollu din il-Qorti ma tistax issib htija fil-konfront ta' l-imputat

---

[7] Seduta tat-13 ta' April 2011
[8] A fol 20 et seq tal-process

billi din l-istanza ma tinkwadrax fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-istess imputat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u ghaldaqstant tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Maltija qeghdin jigu sospizi ghal tmintax-il xahar.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat